**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 54

Data tal-laqgħa: 20 ta' Ġunju, 2018

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 20 ta' Ġunju 2018 fis-6.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** | |
|---|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina | |
| Viċi Sindku | Mario Gauci | |
| Kunsillieri | Carl Grech | 6:40p.m. |
| | Mark Azzopardi | |
| Assenti b'Apoloġiji | Christopher Fenech | |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Victoire Muscat | |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti | |

Il-laqgħa bdiet fis-6.35p.m. billi ntqalet it-talba.

**54/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**54/01/01** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Christopher Fenech talab li jiġi skużat. Is-Sur Aquilina ippropona li l-Kunsill jilqa' din l-apoloġija. Il-Kunsill qabel unanimament.

**54/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 53**

**54/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati lminuti.

**54/02/02** **Para 53/02/02:** Fuq id-diversi toqob li jridu jsiru mill-ħaddiema tad-dipartiment taxxogħlijiet, dawn għadu pendenti.

**54/02/03** **Para 53/02/03:** Is-Sur Mario Mallia lesta r-*refreshing* tal-*junction box* fi Triq San Ġwann k/m Triq M. Murrey.

**54/02/04** **Para 53/02/04:** Is-Sindku qal li s-servizz tal-ilma fil-Ġnien ta' Żagħruna qiegħed jaħdem tajjeb u l-pajp twil inxtara.

**54/02/05** **Para 53/02/05:** Is-Sindku qal li l-Projects Implementation Directorate lesta l-bankina ta' quddiem Borg Furniture fi Triq Santa Katerina.

**54/02/06** **Para 53/02/06:** Is-Sur Aquilina qal li bħalissa l-Perit Chris Grech qed jaħdem fuq ilBOQ, *specs*, pjanti u *provisions* għal proġett ta' Triq Għaxqet l-Għajn.

**54/02/07** **Para 53/02/07:** Is-Sindku spjega li ż-żewġ *u-bars* dekorattivi għaz-zuntier saru.

**54/02/08** **Para 53/02/09:** Is-Sindku qal li l-laqgħa mal-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima Dr Jose Herrera dwar l-inċeneratur propost li jsir fil-Magħtab saret u li l-Ministru wiegħdna li ħa jżommna infurmati. Is-Sur Mark Azzopardi saħaq li bħala

Kunsill Lokali għandna noħorġu stqarrija u ssir petizzjoni. Barra minn hekk, is-Sur Mario Gauci qal li għandna naraw l-applikazzjoni li preżenta l-Ministru lil PA. Min-naħa l-oħra s-Sur Carl Grech spjega li għadu kmieni biex nagħtu informazzjoni korretta lir-residenti. Is-Sindku għamilha ċara li mhux komdu li l-inċeneratur isir fil-Magħtab. Għaldaqstant, ġie deċiż li nistennew li nirċievu l-minuti tal-laqgħa li saret mal-Ministru u wara għandna, bħala Kunsill Lokali noħorġu stqarrija għall-istampa fuq il-pożizzjoni tagħna fuq dan ilproġett.

**54/02/09** **Para 53/02/13:** Is-Sindku qal li għadna qed nistennew risposta mingħand l-Onor. Dr Clifton Grima fuq l-art ta' Xwieki.

**54/02/10** **Para 53/02/20:** Is-Sindku spjega li s-sistema tal-*bus bays* fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu għadha ma bdietx taħdem kif suppost.

**54/02/11** **Para 53/02/24:** Is-Sur Aquilina qal li l-PA board approva l-permess fuq il-Ġnien ta' Top of the World.

**54/02/12** **Para 53/02/32:** Is-Sindku spjega li għadna qed nistennew risposta mingħand Transport Malta fuq it-talba sabiex il-*Bus Stop* ta' Triq Stiefnu Zerafa jersaq lejn il-kamra talħaddiema peress li triq hija iktar wiesa'.

**54/02/13** **Para 53/03/04:** Is-Sur Aquilina qal li l-ħarġa għal Għawdex li organizza s-Sotto Kumitat Qasam Soċjali saret u kienet suċċess.

**54/02/14** **Para 53/05/02:** Is-Sindku qal li l-kors tal-Ewwel Għajnuna ħa jsir bejn Lulju u Awwissu.

**54/02/15** **Para 53/05/06:** Is-Sur Aquilina spjega li l-*webcam* għadha ma ġietx installata.

54/02/16 **Para 53/05/12:** Is-Sindku qal li *double yellow line* fi Triq l-Indipendenza k/m Triq Caravaggio (faċċata tal-Hair Salon) sar.

54/02/17 **Para 53/05/19:** Is-Sindku spjega li TM approvat li ssir tabella *Give Way* qabel ma tinżel Triq Għar San Brinkat iżda ma approvatx li ssir linja bajda fin-nofs.

**54/03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**54/03/01** Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva ċekk ta' €1000 mingħand GAP Holding Ltd bħala kumpens għal ħsarat li saru fi Triq Caravaggio waqt li kienu qed jagħmlu xogħlijiet ta' kostruzzjoni.

**54/03/02** Is-Sur Aquilina qal li ħa tiġi organizzata *clean-up* bejn 7-8 ta' Lulju fi Triq Għaxqet lGħajn minn Scouts Group.

**54/03/03** Is-Sindku spjega li diversi nies talbuh sabiex isir xi ħaġa biex jibqa' mfakkar is-Superjur tal-M.U.S.E.U.M. is-Sur Guido Tanti. Is-Sur Mark Azzopardi ressaq suġġeriment sabiex issir attività kommemorattiva fejn tingħalaq il-parti d-dejqa ta' Triq Mons L. Catania u jinqara xi ħaġa fuq ħajtu. Barra minn hekk, issir ir-rħama ġewwa l- M.U.S.E.U.M. tasSubien. Kien hemm qbil unanimu, iżda l-ewwel irridu nġibu l-permess tas-Soċjetà tadDuttrina Nisranija M.U.S.E.U.M.

**54/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**54/04/01** Ma kienx hemm.

**54/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**54/05/01** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Planning Authority.*

**54/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority.*

**54/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa Kathleen Grima (mill-*Planning Authority*) fejn spjegat li l-ħajt tas-sejjieħ li qiegħed jinbena fi xagħri fi Triq l-Inġinier, Madliena) jitratta Permess PA 3687/14 "Proposed rubble boundary wall and raising of height of existing low boundary wall around". Dan il-permess ġie rrifjutat mill-Awtorità tal-Ippjanar fl-2015, iżda ġie approvat mill-Environment Planning Review Tribunal fl-2017.

**54/05/04** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa Lianne Mifsud ĊIR AKL 2018/057 – Laqgħa Plenarja 07/07/2018. Għal din il-laqgħa ħa jattendu s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**54/05/05** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa Isabella Camilleri Aquilina rigward pagament ta' €100 li ġie proċessat u li kompri ħlas lura skont Memo 17/2014: Internet.

**54/05/06** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa Isabella Camilleri Aquilina rigward pagament ta' €1000 li ġie proċessat u li kompri ħlas lura skont Memo 5/2014: Streaming Year 3.

**54/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority.*

**54/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Thomas Debono, fejn Transport Malta ħarġet in-*No Objection* għal installazzjoni ta' sinjali ta' prijorità fi Triq Għar San Brinkat.

**54/05/09** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Johann Buttigieg – *Introducting the new contribution system.*

**54/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Kevin Fsadni (Direttur fi ħdan il-MTA), fejn ilMTA offriet €4,000 għal bins ġodda fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**54/05/11** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur George Farrugia – *Animal Awareness Talk.*

**54/05/12** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa Isabella Camilleri Aquilina – SPI 1/2018 – *Lifelong Learning Courses – Additional information.*

**54/05/13** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Planning Authority.*

**54/05/14** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa Mary Rose Gauci, fejn Transport Malta ħarġet in-*No Objection* għal *footpath* fi Triq San Ġwann. Il-*parking* irid jinqata' u jsir *double yellow line* ma' tul tal- *footpath.*

**54/05/15** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Mario Fava – ĊIR AKL 2018/050 – Taħriġ għall-Kunsilliera, membri tal-Kunsill u Segretarji fuq Evalwazzjoni ta' tenders fuq issistema EPPS.

**54/05/16** Is-Sur Henry Borg minn Smart Light Systems spjega li hemm żewġ tabelli quddiem ilKnisja li għandhom bżonn *reflective print* biex ikunu jidhru bil-lejl. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tistaqsi lis-Sur Borg għal liema tabelli qed jirreferi.

**54/05/17** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Mario Fava – ĊIR AKL/065 – Town Twinning (Italja).

**54/05/18** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Mario Fava – ĊIR AKL/064 – EU Town Twinning El Verger Spanja.

**54/05/19** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mario Fava - ĊIR AKL 2018/063 – Stqarrija għallIstampa 13/06/2018.

**54/05/20** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Silvio Scerri infurmana li t-Taqsima għall-Immaniggjar tat-Traffiku approvat *'1.5 Keep Clear'* għal sena quddiem 'Osprey Court'fi Triq Stiefnu Zerafa.

**54/05/21** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mario Fava - ĊIR AKL 2018/066 – POYC

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

Outreach Program "Kun af aktar dwar il-mediċini tiegħek'. Il-Kunsill qabel li jsiru laqgħat informattivi fil-Għargħur bil-għan li titqajjem kuxjenza ta' għarfien u użu aħjar tas-servizzi minn dawk li jagħmlu użu mis-servizz tal-POYC.

**54/05/22** Residenta talbet li l-Kunsill joġġezzjona għal applikazzjoni PA/06946/17 – 'Construction of garage and overlying rooms, raising of boundary wall, relocation and replacement of existing gate'. Il-Kunsill ma laqax it-talba. Barra minn hekk, l-istess residenta talbet li jsiru tabelli ta' *No Parking* fi Triq Katerina Sammut, il-Kunsill ma laqax din it-talba iżda qabel li ssir tabella *Do Not Obstruct*.

**54/05/23** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Planning Authority.*

**54/05/24** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa Camilla Appelgren – *SV: Announcement from Malta Clean up.*

**54/05/25** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mario Fava – PA 6203/08 fejn spjega li s-Sur Joseph Borg f'isem l-Awtorità tal-Ippjanar talab rappreżentanza fuq il-board mill-Kunsill ta' San Ġwann jew mill-Kunsill tal-Għargħur. Ir-rappreżentant ħa tkun is-Segretarju Eżekuttiv talGħargħur.

**54/05/26** Il-Kunsill irċieva stima mis-Sur Frans Zammit – Xogħol li jikkonsisti f'5 biċċiet ħitan tas-sejjieħ imwaqqgħin u hemm bżonn li jinġieb iżjed ġebel biex jitlesta x-xogħol. Dan kollu għas-somma ta' €800 + €144 VAT = €944. Kien hemm qbil unanimu li tiġi approvata din l-istima.

**54/05/27** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Christopher Galea – Case No. 135/2018 – Gwida mid-Dipartiment dwar is-Servizz tal-Iskart Riċiklat – Green MT. Aħna ġejna infurmati li l-iskema Green MT ikkonfermat illi ser jibqa' jingħata s-servizz sakemm jinstema l-appell konċernat fuq l-ewwel appell li smiegħ li jmiss huwa fis-17 ta' Lulju 2018. La darba jinqata' l-ewwel appell ser inkunu notifikati kif l-iskema biħsiebha timxi.

**54/05/28** Fuq talba ta' resident biex issir mera biex ikun jista' jara meta joħroġ mid-drive-way ta' residenza *Country Cottage* fi Triq Santa Katerina. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li rresident iwaħħal mera.

**54/05/29** Fuq talba ta' resident biex issir *sleeping police* qabel ir-residenza *Country Cottage* fi Triq Santa Katerina. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li diġà hemm *sleeping police* flistess triq.

**54/05/30** Fuq is-suġġeriment ta' residenta biex inwaħħlu *dog bin* ħdejn ir-roundabout tal-Maurice. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li diġà hawn bosta *dog bins* mar-raħal.

**54/05/31** Fuq it-talba biex Triq Għar San Brinkat tiġi prijorità għal min tiela'. Kien hemm qbil unanimu.

**54/05/32** Fuq talba għal *sleeping police,* fi Triq Santa Katerina ftit qabel ir-roundabout. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax hemmhekk mhux *sleeping police* hemm bżonn imma infurzar.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**54/05/33** Fuq talba għal tabella *No heavy vehicles,* fi Triq Indipendenza k/m Triq Caravaggio, u fi Triq l-Indipendenza k/m Triq Giuseppi Cali. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax dawn ittabelli mhumiex effettivi.

**54/05/34** Fuq talba biex issir kaxxa safra quddiem garaxx tar-residenza Ariama fi Triq ix-Xwieki. Kien hemm qbil unanimu.

**54/05/35** Fuq ilment minn residenta dwar *parking space* fi Triq Stiefnu Zerafa. Il-Kunsill qabel li nħallu kollox kif inhu.

**54/05/36** Fuq ilment ta' residenta sabiex jitneħħa l-pot li hemm fi Triq Emmanuel Perren. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax dak il-pot sar biex ma jidħlux karozzi fi Triq Emmanuel Perren iżda qabel li l-pot ma jkunx eżatt quddiem il-bieb tar-residenza tagħha.

**54/05/37** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Christopher Fenech biex tinbidel tabella ta' *No Parking* żgħira fuq bracket fi Sqaq Charlotte. Kien hemm qbil unanimu.

**54/05/38** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Christopher Fenech biex jinbidel *cradle seat* ta' bandla fi Ġnien il-Paċi. Il-Kunsill qabel li nixtru *cradle seat* ġdid.

**54/05/39** Fuq it-talba ta' resident rigward il-Bus Stop fi Triq Stiefnu Zerafa, jekk TM ma jaqblux li l-bus stop jersaq lejn id-daħla tal-ground dan għandu jerġa' jmur fejn suppost u jekk ikun hemm bżonn il-Kunsill jagħmel bank żgħir ħalli fuqu joqgħodu bilqeda n-nies. Dan il-bank ikun kif hemm fi Triq Caravaggio fuq il-bankina. Il-Kunsill qabel li nerġgħu nkellmu lil TM.

**54/05/40** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Christopher Fenech biex tinbidel tabella ĦAL GĦARGĦUR MERĦBA fi Triq Għaxqet l-Għajn ħdejn il-Ġnien tal-Ponta. Kien hemm qbil unanimu.

**54/05/41** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Christopher Fenech biex issir *crash barrier* fi Triq lIndipendenza. Il-Kunsill ma laqax din it-talba iżda ħa jgħid lis-sid tal-għalqa biex forsi jibni ħajt.

**54/05/42** Fuq l-ilment ta' Sur Christopher Fenech sabiex jinqata' l-ħaxix fi Triq Għaxqet l-Għajn. Kien hemm qbil unanimu.

**54/05/43** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Christopher Fenech biex issir bozza ġdida fuq pole fi Triq talFerħa. Il-Kunsill qabel li nistaqsu lil ENEMALTA jekk hemmx linja tad-dawl ħalli filkas nordnaw bozza ġdida.

**54/05/44** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Christopher Fenech biex tinbidel it-tabella STOP fi Triq talFerħa. Il-Kunsill qabel li nixtru tabella ġdida.

**54/05/45** Fuq l-ilment ta' Sur Christopher Fenech sabiex titranġa parti mill-bankina ta' Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu (ħdejn il-bus bays). Il-Kunsill qabel li xi ħadd mill-ħaddiema jirranġaha.

**54/05/46** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Christopher Fenech sabiex waqt Jum il-Għargħur inġibu lkarozzi mini. Kien hemm qbil unanimu.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**54/05/47** Is-Sindku spjega li l-Kappillan talab lill-Kunsill sabiex nagħmlu xi ħaġa tal-ħadid malġenb tal-Knisja peress li l-*bollards* tal-plastik mhumiex effettivi. Il-Kunsill ma laqax din it-talba iżda kien hemm qbil unanimu li kuntrattur tagħna jsewwi dawn l-istess bollards.

**54/05/48** Is-Sur Mark Azzopardi qal li waqt il-programm ta' Jum il-Għargħur ħa jieħdu sehem XL Band, Freddie Portelli u Christabelle Borg.

**54/05/49** Fuq it-talba ta' resident biex issir *crash barrier* fi Triq Santa Katerina. Il-Kunsill qabel li nofs l-ispiża joħroġha l-Kunsill u nofs l-ieħor joħroġha r-resident. Ir-resident ser jigi infurmat b'dan.

**54/06 Risposta għall-*Management Letter* tal-Awdituri**

**54/06/01** Is-Sindku ppreżenta r-risposta għall-Management Letter tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2017 u ppropona l-approvazzjoni tar-risposta kif ippreżentata. Il-Kunsill qabel unanimament.

**54/07 Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart (Jannar – Marzu 2018)**

**54/07/01** Is-Sindku ppreżenta r-rapport finanzjarju għall-perjodu Kwart 1 Jannar sa Marzu 2018 u ppropona l-approvazzjoni tar-rapport kif ippreżentat. Il-Kunsill qabel unanimament.

**54/08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**54/08/01** Ma kienx hemm.

**54/09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**54/09/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**54/10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**54/10/01** Il-laqgħa spiċċat fit-08:00p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 26 ta' Lulju 2018 fis-6:00pm.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Ġiljan Aquilina**<br>**Sindku** | **Maria Tanti**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |